MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 331/2003

**Pulizija**
**(Spt  Mario Tonna)**
**vs**
**CLINT SCICLUNA**

**Illum 21 ta' Mejju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Clint Scicluna mwieled Pieta nhar l-4 ta' Mejju 1986 bin Emmanuel u Marthese nee' Camilleri residenti Blokk 4 A Flat 6 Triq Ganni Bonnici Zebbug (Malta) detentur ta' Karta ta' l-Identita Nru 310286(M), gie akkuzat:-

Talli fil-perjodu ta' bejn it-8 ta' April u id-April 2003 kkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Hyonsung Nru tar-Registrazzjoni BBJ252 minn gewwa Triq A Durer Attard ghad-dannu ta' Emmanuela Sammut mill-Mosta, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini ta' l-artikoli 261, 267, 270, 271(g) u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli bejn il-11 ta' April 2003 u it-12 ta' April 2003 minn gewwa il-limiti tan-'Nigret' Rabat Malta kkommetta serq ta' pjanci ta' numru ta' Registrazzjoni ta' mutur FAD457 ghad-detriment ta' Denise Grech u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini ta' l-artikoli 261, 270 u 271(g) u  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli bejn it-8 ta' April 2003 u t-13 ta' April 2003 xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b'qerq jew akkwistahom b'reat jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u dan ai terminu ta' l-artikolu 334(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli bejn il-11 ta' April 2003 u t-13 ta' April 2003 f'San Giljan u f'diversi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin b'risoluzzjoni wahda f'diversi bnadi u hinijiet tal-Gzejjer Maltin saq l-istess mutur Hyonsung BBJ252 minghajr ma kien awtorizzat b'licenzja tas-sewqan mahruga mid-direttur tat-Traffiku.

U aktar talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet saq l-istess mutur Hyonsung BBJ252 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

U aktar talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet saq l-istess mutur b'manjiera traskurat, perikoluza u negligenti.

U aktar talli ghamel olterazzjonijiet fuq mutur Hyonsung (Nru BBJ252) billi biddel il-kulur tieghu minghajr awtorizzazzjoni minghand id-Direttur tat-Traffiku.

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, billi wahhal sett ta' number plates foloz (FAD457) fuq mutur ta' l-ghamla Hyonsung (Nru BBJ252) ai termini ta' l-Artikolu 18, 185(2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar akkuzat talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' number plates foloz, u dan ai termini ta' l-Artikolu 187, 189 u 338(gg) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikoli 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kap 65 tal-Ligijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali mmarkat bhala dok MT3 u nnutat li l-Imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Nnutat li l-Imputat ammetta t-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza, it-tmien akkuza u d-disa' akkuza.

Nnutat l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Mario Tonna fil-verbal tas-seduta ta' llum ddikkjara li l-ewwel akkuza li tirrgwarda s-serq tal-mutur tal-ghamla Hyonsung nghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tielet akkuza ghal hekk il-prosekuzzjoni titlob lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.  Nnutat ukoll li Dr. Gasnavi ghall-imputat aderixxa ghal dan.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba ta' ammissjoni ta' l-Imputat u ghall-fini li tigi segwita l-procedura korretta, tat lill-Imputat Clint Scicluna ftit taz-zmien biex jekk irid jerga lura mill-ammissjoni tieghu rigward l-akkuzi 2 sa 9.

Nnutat li fuq mistoqsija tal-Qorti jekk l-Imputat iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew jirtiraha l-Imputat wiegeb li qed jammetti l-akkuzi 2 sa 9.

Nnutat ukoll li l-Ufficcjal Prosekutur ddikjara fil-verbal ta’ llum li l-Imputat kkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(f), 261(g), 270, 271(g), 281(b), 334(a) u (b), 185(2), 186, 187, 188, 189 u l-Artikolu 338 (gg) tal-Kap 9, ir-Regolament 91 ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-1994, ir-Regolament 2 ta’ l-Avviz Legali 94 ta’ l-1969 u l-Artikoli 15(1)(a), 17 u 18 u t-Tieni Skeda tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-Imputat Clint Scicluna, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba’ akkuza, tal-hames akkuza, tas-sitt akkuza, tas-seba’ akkuza, tat-tmien akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta’ tenera ta’ l-imputat, il-fatt li l-Imputat kkopera mal-pulizija u l-fatt li l-Imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, kif ukoll il-fedina penali netta ta’ l-Imputat u wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-Imputat Clint Scicluna ghall-piena komplessiva ta’ sentejn u sitt xhur prigunerija u Lm100 multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett snin millum l-Imputat Clint Scicluna jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-Imputat Frank Paul Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikoli 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In kwantu ghall-ewwel akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tielet akkuza.

Finalment, il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-Imputat Clint Scicluna

milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data li l-Imputat ikun ghalaq 18-il sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------